**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Frar 2016 – Infinite Cycle Works vs UASI – Chance Good Ent. (INFINITY)**

**(Kawża T-30/15)** ([1])

***[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali INFINITY — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti INFINI — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”]***

(2016/C 111/27)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Infinite Cycle Works Ltd (Delta, il-Kanada) (rappreżentanti: E. Manresa Medina u J.M. Manresa Medina, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: M. Rajh, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Chance Good Ent. Co., Ltd (Changhua, it-Tajwan) (rappreżentanti: P. Rath u W. Festl-Wietek, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tat-30 ta' Ottubru 2014 (Każ R 2308/2013-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Chance Good Ent. Co., Ltd u Infinite Cycle Works Ltd.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

2) *Infinite Cycle Works Ltd hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 89, 16.3.2015.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Frar 2016 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-141/14)** ([1])

***[“Rikors għal annullament — Dumping — Importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u tal-komponenti ewlenin tagħhom (ċelloli) li joriġinaw jew li jintbagħtu miċ-Ċina — Dazju antidumping definittiv — Eżenzjoni tal-importazzjonijiet li huma suġġetti għall-impenn aċċettat — Indissoċjabbiltà — Inammissibbiltà”]***

(2016/C 111/28)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja); Brandoni solare SpA (Castelfidardo, l-Italja); u Solaria Energia y Medio Ambiente, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, solicitor)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: B. Driessen, aġent)

*Partijiet intervenjenti in sostenn tal-parti rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J.F. Brakeland, T. Maxian Rusche u A. Stobiecka-Kuik, aġenti); Canadian Solar Manufacturing (Changshu), Inc. (Changshu, iċ-Ċina); Canadian Solar Manufacturing (Luoyang), Inc. (Luoyang, iċ-Ċina); Csi Cells Co. Ltd (Suzhou, iċ-Ċina); CsiSolar Power (iċ-Ċina), Inc. (Suzhou) (rappreżentanti: A. Willems u S. De Knop, avukati, u K. Daly, solicitor); u China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (Beijing, iċ-Ċina) (rappreżentanti: J.F. Bellis, F. Di Gianni u A. Scalini, avukati)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tal-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u l-komponenti ewlenin tagħhom (ċelloli) li joriġinaw jew jintbagħtu mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 1).

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Canadian Solar Manufacturing (Changshu), Inc., Canadian Solar Manufacturing (Luoyang), Inc., Csi Cells Co. Ltd u Csi Solar Power (China) għandhom jitneħħew mill-Kawża T-141/14 bħala intervenjenti.*

3) *SolarWorld AG, Brandoni solare SpA u Solaria Energia y Medio Ambiente, SA huma kkundannati jbatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.*

4) *Il-Kummissjoni Ewropea, Canadian Solar Manufacturing (Changshu), Inc., Canadian Solar Manufacturing (Luoyang), Inc., Csi Cells Co. Ltd, Csi Solar Power (China), Inc. u ċ-China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.*

---

[1] ĠU C 142, 12.5.2014.

---

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta Frar 2016 – SolarWorld *et* vs Il-Kunsill**

**(Kawża T-142/14)** [1]

***[“Rikors għal annullament — Sussidji — Importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u tal-komponenti ewlenin tagħhom (ċelloli) li joriġinaw jew li jintbagħtu miċ-Ċina — Dazju antidumping definittiv — Eżenzjoni ta' importazzjonijiet li huma suġġetti għall-impenn aċċettat — Indissoċjabbiltà — Inammissibbiltà”]***

(2016/C 111/29)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* SolarWorld AG (Bonn, il-Ġermanja); Brandoni solare SpA (Castelfidardo, l-Italja); u Solaria Energia y Medio Ambiente, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: L. Ruessmann, avukat, u J. Beck, solicitor)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: B. Driessen, aġent)

*Partijiet intervenjenti insostenn tar-rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. F. Brakeland, T. Maxian Rusche u A. Stobiecka-Kuik, aġenti); Canadian Solar Manufacturing (Changshu), Inc. (Changshu, iċ-Ċina); Canadian Solar Manufacturing (Luoyang), Inc. (Luoyang, iċ-Ċina); Csi Cells Co. Ltd (Suzhou, iċ-Ċina); u CsiSolar Power (iċ-Ċina), Inc. (Suzhou) (rappreżentanti: A. Willems u S. De Knop, avukati, u K. Daly, solicitor), u China Chamber of Commerce for Import and Export of Machinery and Electronic Products (Beijing, iċ-Ċina) (rappreżentanti: J. F. Bellis, F. Di Gianni u A. Scalini, avukati)

**Suġġett**

Talba għal annullament tal-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013, tat-2 ta' Diċembru 2013, li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinnati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, p. 66).